23 ta' April 2015
51/2015

## MESSAĠĠ MILL-ISQOF MARIO GRECH

## WAQT IS-SERVIZZ FUNEBRI INTER-RELIĠJUŻ GĦALL-IMMIGRANTI

Għandna quddiemna erbgħa u għoxrin katavru ta' bnedmin mhux identifikati imma nafu li ħafna oħrajn, mijiet, qed jistrieħu fiċ-ċimiterju kbir li sar il-*Mare Nostrum* illum il-ġurnata. Ma nafux ismijiethom, ħajjithom – nafu biss li kienu qed jaħarbu minn sitwazzjoni ta' disperazzjoni biex ifittxu l-ħelsien u ħajja aħjar.

Insejħulhom *Mhux Identifikati*. Imma nibkuhom, nibku t-telfa tagħhom, nixtiequ nagħtuhom l-aħħar turija ta' rispett. Għaliex? Għax fil-fond ta' qalbna, irrispettivament mit-twemmin, il-kultura, in-nazzjonalità, ir-razza tagħna, aħna *nafu* li huma bnedmin ħutna.

"Min hu l-proxxmu tiegħi?" – Fil-Vanġelu smajna lill-għaref tal-liġi jitlob lil Ġesù interpretazzjoni tal-kmandament tal-imħabba. Hu – l-għaref tal-liġi – kien jafha l-liġi. Imma ma jħossux komdu bit-tweġiba ta' Ġesù għax dan ma jagħtihx id-diskors akkademiku li kien qed jistenna, imma tweġiba *konkreta* u li *tolqot fil-laħam il-ħaj*.

Quddiem din is-sitwazzjoni drammatika, bħal dak l-għaref tal-liġi, aħna nistgħu nduru fuq il-liġi u *neżaminawha* biex naraw min hu responsabbli ta' xiex, u min għandu jsib soluzzjoni għall-influss kbir ta' immigranti li qed jaslu fi xtutna. Ċertament, qed inħabbtu wiċċna ma' sitwazzjoni kumplessa, u la hija l-kompetenza tiegħi u lanqas hu l-waqt it-tajjeb li nipproponu soluzzjonijiet. Nitolbu lill-Mulej Alla jdawwal lil dawk li għandhom f'idejhom din il-ħidma xejn ħafifa.

Imma, fid-dawl ta' din il-parabbola, niftakru li *t-triq tal-liġi* mhix biżżejjed biex insolvu l-emerġenzi umanitarji. Nistgħu nkomplu *neżaminaw* il-liġijiet kif jagħmel l-għaref tal-liġi, imma dan mhux biżżejjed. It-*triq tal-liġi*, it-*triq tal-ġustizzja*, għandha tinfetaħ għat-*triq tal-imħabba*. F'kull sfera tar-relazzjonijiet interpersonali l-ġustizzja għandha, biex ngħidu hekk, sa ċertu punt tiġi "ikkoreġuta" mill-imħabba li, kif jgħidilna San Pawl, "taf tistabar u tħenn" jew, fi kliem ieħor, għandha l-karatteristiċi ta' dik l-imħabba ħanina li hi hekk fil-qalba tal-

Vanġelu u tal-Kristjaneżmu.[1] *L-imħabba tmur lil hemm mill-ġustizzja*, għax li nħobb ifisser nagħti, noffri minn "tiegħi" lill-oħrajn. L-imħabba tittraxxendi l-ekonomija tan-negozju.

Il-ġustizzja mfassla fuq loġika ta' *nagħtik u tagħtini* waħidha ma tistax tmexxi r-relazzjonijiet umani. Ma tistax issolvi din il-kriżi. Aħna nistgħu, l-ewwel wieħed jien, nadottaw l-istil tal-"qassis" u tal-"Levita" tal-Vanġelu li jillimitaw ruħhom għal li *jħarsu* lejn dawn il-persuni foqra u *jgħaddu min-naħa l-oħra tat-triq*. Jekk jaħarbilna dan il-*mument* epokali għax nagħżlu li ma niqfux biex nisimgħu l-karba ta' ħutna li desperatament qed ifittxu l-kenn, is-sitwazzjoni mbagħad tiġġenera ruħha f'dik li l-Papa Franġisku jsejħilha l-*globalizzazzjoni tal-indifferenza*. Xi kultant sempliċement nieqfu, inxerrdu ftit tad-dmugħ, u mbagħad inkomplu fi triqitna. Nafu nkunu mexjin skont il-liġi pożittiva. Imma fit-triq tal-imħabba nkunu ħatja ta' omissjoni.

*"Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu, u mbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu".* L-imħabba, *l-imħabba ħanina*, lill-vittma *mhux identifikata* toħroġha mill-anonimità tagħha – issir *ħija*, persuna li hi l-proxxmu tiegħi u *ninkwieta* għaliha. Il-ħniena li taf timxi dak il-mil iżjed mhux biss tibdel il-persuni maħbuba imma wkoll lil *dawk li jersqu lejhom bi mħabba*.

Jekk inħallu din l-imħabba ħanina tibdilna, is-sitwazzjoni attwali tinbidel ukoll: minn dawk li *jġarrbu* l-influss tal-immigranti aħna *nsiru proxxmu* ta' dawk li jaslu fuq xtutna. L-imħabba ħanina ssuqna biex mhux biss noqogħdu *nistennew* din is-sitwazzjoni drammatika tkompli tikber iżjed, imma *naġixxu*, *immissu b'idejna* l-għeruq li qed jikkawżaw dan l-eżodu. L-imħabba ħanina mhux biss *tgħaddi mill-qrib*, imma *tħabbat wiċċha* ma' din l-isfida bl-għajnejn tas-Samaritan it-Tajjeb li mhux biss jiddispjaċih imma *jagħti l-għajnuna* billi jpoġġi ġidu b'mod inkundizzjonat għas-servizz ta' min hu fil-bżonn. L-imħabba ħanina kapaċi tħares lejn kull persuna, anki lejn l-għadu ddikjarat – kif kienu l-Lhud f'għajnejn is-Samaritani – bħala *xi ħadd fil-bżonn*. Li nħallu l-kompassjoni tqanqalna jfisser li nkunu f'sintonija ma' oħrajn li qed ibatu, hi x'inhi l-kawża u huma min huma. Għal San Ġwann Kriżostmu, li wieħed jissintonizza ruħu b'kompassjoni "hi b'mod speċjali karatteristika tal-qaddisin. La l-glorja, la l-ġieħ, u l-ebda ħaġa oħra mhi prezzjuża għalihom daqs il-ġid tal-proxxmu tagħhom".

Kif raġel nawfragu jismu Pawlu ġab lil dawn il-gżejjer il-bxara ta' Mħabba li tifdi lid-dinja, hekk ukoll dawn l-aħwa "nawfragi" li jinsabu quddiemna siekta huma għaċ-ċittadini Maltin, Ewropej u tad-dinja tal-Punent kollha kemm hi, messaġġiera tal-ħtieġa li nterrqu l-mixja tal-

[1] Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra enċiklika *Dives in misericordia* (1980), 12; 14.

Imħabba ħanina, biex *insiru proxxmu* għal dawk li qed ibatu l-inġustizzja, l-inugwaljanza, id-diskriminazzjoni u l-faqar fil-bqija tad-dinja. Huma ħabbara siekta tal-karba għall-imħabba li hi r-ruħ li tagħti l-ħajja lil soluzzjonijiet soċjali u politiċi effettivi. L-imħabba hi l-prinċipju normattiv mhux biss fir-relazzjonijiet iż-żgħar (ħbiberiji, familja, gruppi ċkejknin) imma wkoll fir-relazzjonijiet il-kbar, jiġifieri fil-kuntest soċjali, ekonomiku u politiku.[2]

Il-ħniena biss tista' tkisser iċ-ċirku tal-egoiżmu u l-vjolenza u toħloq il-possibbiltà ta' futur ġdid. Il-kompassjoni hi l-awtorità etika aħħarija kontra l-kefrija umana. Soċjetà mingħajr imħabba u kompassjoni ma tibqax soċjetà umana.

Jalla dawn ħutna rġiel u nisa jistrieħu fis-sliem! Ma stajniex noffrulhom l-ospitalità tagħna, it-tbissima tagħna, it-tgħanniqa tagħna; imma issa aħna u nafdawhom f'idejn Alla, nitolbuhom ukoll jaħfrulna talli nqasna li nieħdu f'waqthom il-miżuri meħtieġa li setgħu salvawlhom ħajjithom. Jalla t-tifkira tagħhom tibqa' ħajja fl-impenn imġedded tagħna biex *insiru proxxmu* għal dawk li diġà jinsabu fuq artna jew qed joqorbu lejn xtutna.

Hekk kif illum nerġgħu lura lejn ir-rutina tal-ħajja tagħna ta' kuljum, jalla l-kelma "Ħniena" tħalli eku f'qalbna u tgħinna nirriflettu u naġixxu. Kif kiteb darba San Girgor it-Teologu: "Uri li int alla għal dawk inqas ixxurtjati minnek billi ssir tixbah il-ħniena ta' Alla. Mhemm xejn fil-bniedem li jiġbed daqshekk lejn Alla mill-għemil tal-opri tajba". Il-Mulej ibierek lil dawk is-"Samaritani t-tajba" kollha – awtoritajiet ċivili, ħaddiema tas-salvataġġ, voluntiera, irġiel u nisa ta' rieda tajba li qed jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jilħqu lil dawn ħutna li qed ibatu. Grazzi li qed tkunu xhieda u mudelli ta' din l-imħabba ħanina!

Għeżież ħuti, jien u nagħlaq din ir-riflessjoni tiegħi, forsi tistgħu tistaqsuni: *Mela issa x'qed tipproponi? Kliem sabiħ, Dun… imma xejn ma jinbidel!* Imnebbaħ minn dan il-Vanġelu, nitlob lill-Mulej jibdilli qalbi bl-Imħabba ħanina tiegħu… u dan jista' jibdilni biex *insir proxxmu* għal ħuti kollha. Nistieden jagħmlu l-istess lil dawk kollha li jemmnu f'Alla l-Ħanin li jgħix għal dejjem.

Ammen.

[2] Benedittu XVI, Caritas in veritate